# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A.,   LL.D.

**Seduta ta' nhar   it-Tnejn, 25 ta' Frar, 2002.**

**Kawza Numru: 1**

**Citaz. Nru.   2378/97GV**

Doc. 202-02

**Paul Spiteri u b'digriet tal-Qorti datat 15 ta' April, 1999 gew mizjuda l-kliem u martu Theresa sive Tessie Spiteri**

**-vs-**

**Francis Spiteri**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur hu l-proprjetarju tal-fond 70, St. Leonard Street, Kirkop filwaqt illi l-konvenut hu l-proprjetarju tal-fond adjacenti;

Premess illi parti mill-fond tal-konvenut tikkonsisti fi gnien illi fih hemm kanali tal-ilma u mbarazz illi jmissu mall-hajt li jifred il-proprjetajiet tal-kontendenti u li qed jikkawza hsara lill dan il-hajt;

Premess illi fl-istess hajt il-konvenut abbusivament u llegalment wahhal diversi *raw bolts* illi wkoll qed jaghmlu hsara lill dan il-hajt;

Premess illi ghalkemm l-attur interpella lill-konvenut, anke ufficjalment, biex inehhi l-kanali ta' l-ilma u l-imbarazz minn mal-hajt u *r-raw bolts* minn gol hajt illi jiddividi l-proprjetajiet tal-kontendenti dan baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab Iil din il-Qorti:

1 tiddikjara illi l-kanali tal-ilma u l-imbarazz li hemm mal-hajt u r-*raw bolts* li hemm gol hajt li jifred il-proprjetajiet tal-kontendenti qed jikkawzaw hsara lill dan il-hajt u dan occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

2 tikkundanni lill-konvenut li jnehhi l-kanali tal-ilma u l-imbarazz illi hemm mal-hajt u kif ukoll li jnehhi r-*raw bolts* li hemm gol hajt li jifred il-proprjetajiet tal-kontendenti u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur li jaghmel ix-xoghol mehtieg hu stess a spejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Lulju, 1997 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Spiteri a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

1 Illi in linea preliminari l-azzjoni odjerna hija irritwali u nulla ghax ma gietx ezercitata flimkien ma l-konjugi tal-attur, kif rikjest mill-art. 1322 (2) tal-Kodici Civili u dana stante li parti mill-proprjeta' tal-attur tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu Tessie Spiteri;

2 Subordinatament u bla pregudizzju, mhux minnu li hemm xi affarijiet li qed jaghmlu hsarat fil-proprjeta' tal-konjugi Spiteri attur, u ghalhekk ma hemm xejn x'ghandu jitnehha kif qed jitlob l-attur fit-tieni talba tieghu;

3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-decizjoni a fol. 32 et seq li biha giet ordnata korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu lil dina l-Qorti: tiddikjara li l-kanali tal-ilma u l-imbarazz li hemm mal-hajt u r-*raw bolts* li hemm gol hajt li jifred il-proprjetajiet tal-kontendenti qed jikkawzaw hsara lid-dar fil-hajt u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; tikkundanna lill-konvenut inehhi l-kanali tal-ilma u l-imbarazz illi hemm mal-hajt u kif ukoll li jnehhi r-*raw bolts* li hemm gol hajt li jifred il-propretajiet tal-kontendenti u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur li jaghmel ix-xoghol mehtieg hu stess a spejjez tal-konvenut.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa: In linea preliminari l-azzjoni odjerna hija irritwali u nulla ghax ma gietx ezercitata flimkien mal-konjugi ta' l-attur, kif rikjest mill-art. 1322(2) tal-Kodici Civili u dana stante li parti mill-proprjeta ta' l-attur tifforma parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu Tessie Spiteri. Subordinatament u bla pregudizzju mhux minnu li hemm xi affarijiet li qed jaghmlu hsarat fil-proprjeta' tal-konjugi Spiteri attur, u ghalhekk ma hemm xejn x'ghandu jitnehha kif qed jitlob l-attur fit-tieni talba tieghu.

**PROVI**

**Kanali**

L-attur xehed li l-kanali saru wara l'1978. Minhabba fihom ghandu hafna umdita'. Il-post ma fihx qatran ghax hu antik hafna. L-umdita' zdiedet minn meta saru dawn il-kanali. Hu ma kienx gibed l-attenzjoni ta' huh li l-umdita' zdiedet. Imbaghad meta huh beda jaqla' l-problemi kien semmihomlu.

Dwar dawn il-konvenut xehed li l-kanna ta' l-ilma hi tieghu u ghamilha fiz-zmien meta l-appogg kien tieghu u l-genituri tieghu hallewulu b'testment. Ma hemmx hsara mal-hajt minhabba l-kanali u l-vireg. Il-kanali kienu ghamluhom tal-familja u ilhom hemm 45 sena. Inqalghu fl' 1978, meta huh l-attur bena l-entratura u regghu tqeghdu fejn kienu.

***Raw Bolts***

Dwar ir-*raw bolts* l-attur xehed li hu dejjem qed jistenna li dawn jaqsmulu l-gebel pero' s'issa r-*raw bolts* ghadhom ma qasmulux il-gebel izda qeghdin jigbdulu.

**Imbarazz**

L-attur xehed li l-konvenut nehha l-imbarazz wara li pprezenta l-kawza. Minn naha l-ohra dwar l-imbarazz il-konvenut qal li ghamel zewg razzez u l-oggetti indikati fir-ritratti F 1, 2, u 4 qeghdin fuqhom. Dawn saru fil-1978 u hu ghandu dritt ta' l-appogg. Meta saret il-kawza hu ma nehhiex l-imbarazz u kollox ghadu kif kien kif hemm fir-ritratti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet giet sorvolata b'korrezzjoni ordnata mill-Qorti a fol. 39.

It-tieni eccezzjoni tolqot il-mertu tal-kawza. Il-konvenut qed jeccepixxi li mhux minnu li hemm xi affarijiet li qed jaghmlu hsara fil-proprjeta' tal-konjugi Spiteri attur. Hu esebixxa sett ta' ritratti li spjegahom hekk:

Dok. F1 juri l-ilma tal-bejt nizel ghal gol kanal tal-ilma.
Dok. F2 juri l-hajt divizorju.
Dok. F3 l-istess.
Dok. F4 l-istess.
Dok. F5 juri katusa ohra diehla gol kanal.
Dok. F6 juri l-kanal ghaddej mal-hajt dobblu.
Dok. F7 juri l-istess haga (Ara fol. 55).

Il-konvenut xehed li l-genituri tieghu kienu hallewlu l-appogg fejn ghandu l-kwistjoni ma' l-attur (fol. 61) u ghalhekk qed jikkontendi li hu jista' jappoggja minghajr ma jhallas u ghandu dritt jaghmel *raw bolts*.

**Tikkunsidra**

L-ewwel talba ta' l-attur hi fis-sens li dina l-Qorti ghandha tiddikjara li l-kanali tal-ilma u l-imbarazz li hemm mal-hajt u r-*raw bolts* li hemm gol hajt li jifred il-proprjetajiet tal-kontendenti qed jikkawzaw hsara lid-dar fil-hajt.

Illi l-unika prova li ngabet mill-atturi li giet kawzata hsara hija x-xhieda ta' l-attur biss. Hu qal li minn meta saru l-kanali l-umdita' zdiedet u li r-*raw bolts* qed jigbdu l-hajt. Il-konvenut cahad dina l-allegazzjoni. Ma saret ebda prova, u lanqas giet mitluba n-nomina ta' perit biex tigi kostata u pruvata dina l-allegata hsara. Inoltre jigi osservat li l-kanali u l-*bolts* ilhom hemm hafna snin. Il-konvenut isemmi hamsa u erbghin sena meta saru l-ewwel darba l-kanali u tletin sena meta saru r-*raw bolts*. Il-konvenut jghid li dawn saru fil-1978. Jidher li dina l-kwistjoni inqalghet meta l-ahwa inkisru minn xulxin.

U a bazi ta' l-allegazzjoni ta' l-attur li giet kawzata hsara (ara l-ewwel talba), li l-attur qed jitlob fit-tieni lok, li jitnehhew il-kanali tal-ilma u l-imbarazz illi hemm mal-hajt kif ukoll li jnehhew r-*raw bolts* li hemm gol hajt li jifred il-proprjetajiet tal-kontendenti, ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova li gew kawzati xi danni, ma tistax lanqas tintlaqa' t-tieni talba. Il-konvenut gab prova li huwa ghandu dritt li jwahhal ma' dana l-hajt fejn ghandu l-appogg u l-attur mhux qed jallega li l-konvenut m'ghandux dana d-dritt.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut

tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**